MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 269/2012

**Avv. Sarah Galea bhala mandatarju specjali tas-socjeta**
**estera Nokia Corporation**

**vs**
**Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Veronica Rossignaud**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti kunsinjatarju MOBILE HOUSE ta' Rue Ahmed Lawkili N 32 V N, FES, Maroc**
**b'digriet tal-4 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici nomine tat-12 ta' Marzu 2012 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta' Keilalahdentie 4, 02150

Espoo, Finland, sabiex jirraprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficju tal-Proprjeta' Industrijali ta' Malta msejjha 'NOKIA', liema dritt giet restrat f'Malta fit- tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta' resistrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. NC1 u NC2) kif ukoll tad-drittijiet registrati bhala Community Trademarks mal-Office for Hamonization in the Internal Market tal-Unjoni Ewropea, il-community trademark 'NOKIA', liema dritt gie registrat fit-3 ta' Jannar, 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 4305663 (Dok. NC3);

3. Illi fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) ir-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru CMAU5523776 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM ROSSINI liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Casablanca, Maroc (Dok. NC4) u l-container kien fih total ta' sitta u hamsin elf u mitejn (56,200) accessorju tal-*mobile phone* senjatament disa' u tletin elf (39,000) mobile phone covers, sitt elef u mitejn (6,200) mobile phone batteries u elfejn (2,000) mobile phone headsets u disa' t'elef (9,000) mobile phone chargers (Dok. NC5) kollha bil-marka 'NOKIA', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravvjenu dritt ta' propjeta intelletwali;

4. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation, fejn gie determinat li dawn l-accessorji tal-*mobiles phone* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess accessorji tal-*mobiles phone* kienu kontrafatti, u ghalhekk jikkontravvjenu d-

drittijiet ta’ propjeta intelletwali ta’ Nokia Corporation u r-rapport tal-istess huwa anness u mmarkat bhala Dok. NC6;

5. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa’ din it-talba li jinzammu dawn l-accessorji tal-*mobiles phone*;

6. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa MOBILE HOUSE minn Fes, Maroc, u dan skond dak citat fil-polza ta’ taghbija numru SHZ1271613 (Dok. NC7);

7. Illi l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(a) u (b) u l-artiklu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suespost, ir-rikorrent nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti sitta u hamsin elf u mitejn (56,200) accessorju tal-*mobile phone* senjatament disa’ u tletin elf (39,000) mobile phone covers, sitt elef u mitejn (6,200) mobile phone batteries u elfejn (2,000) mobile phone headsets u disa’ t’elef (9,000) mobile phone chargers imsemmija li fuqhom hemm il-marka ‘NOKIA’ u li dahlu Malta u /jew gew importati temporanjament u /jew tqeghdu gewwa zona hielsa jew mahzen hieles u li prezentement jinsabu taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-

Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru CMAU5523776 kontenenti l-imsemmija *accessorji tal-mobile phone*, huma oggetti kontrafatti skond l-artikoli 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. NC1 u NC2) kif ukoll il-*community trademark* 'NOKIA' moghti n-numru ta' registrazzjoni 4035663 (Dok. NC3) u jivvjolaw l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessorji tal-mobile phone 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-mobile phone f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessorji tal-mobile phone ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghha, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana, kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessorji tal-mobile phone.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. NC1 sa Dok. NC7;

Rat id-digriet tal- 4 ta' Mejju 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-1 ta' Ottubru 2012 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolu;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi marki fosthom il-markju NOKIA, liema markju hu registrat fir-Registru tal-Markji Malta taht *Trademarks* numri 33323 u 33324 u dak Komunitarju bin-numru 4035663.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru CMAU5523776 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM ROSSINI li kien dahal Malta fl-10 ta' Frar 2012 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' sitta u hamsin elf u mitejn (56,200) accessorju tal-*mobile phone* senjatament disa' u tletin elf (39,000) mobile phone covers, sitt elef u mitejn (6,200) mobile phone batteries u elfejn (2,000) mobile phone headsets u disa' t'elef (9,000) mobile phone chargers kollha bil-marka NOKIA li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 7 ta' Marzu 2012 (Dok. NC6 a fol. 11) maghmul minn Angel Escoriaza, Legal Counsel, Brand Enforcement tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. NC1 sa Dok. NC7 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludu l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. B a fol. 65) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Angel Escoriaza (Dok. NC6 a fol. 11) li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (Dok. B a fol. 65) datat 19 ta' Ottubru 2012.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sitta u hamsin elf u mitejn (56,200) accessorju tal-*mobile phone* senjatament disa' u tletin elf (39,000) mobile phone covers, sitt elef u mitejn (6,200) mobile phone batteries u elfejn (2,000) mobile phone headsets u disa' t'elef (9,000) mobile phone chargers kollha bil-markju NOKIA in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' sitta u hamsin elf u mitejn (56,200) accessorju tal-*mobile phone*

senjatament disa' u tletin elf (39,000) mobile phone covers, sitt elef u mitejn (6,200) mobile phone batteries u elfejn (2,000) mobile phone headsets u disa' t'elef (9,000) mobile phone chargers kollha bil-marka NOKIA, b'container Numru CMAU5523776 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti inkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta rikorrenti;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-accessjorji ta' mobile phone in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez kollha inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana a fol. 65;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------